MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 229/2005

**Maltacom plc u d-digriet tat-23 ta` Novembru, 2007, l-Qorti ordnat bidla fl-isem tas-socjeta attrici biex issir "Go Plc"**

**vs**

**Alex Sciortino**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fl-4 ta` Marzu, 2005, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:

Il-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta` seba` t`elef, sebgha mija u tmintax-il lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm 7718.79) in konnessjoni ma` hsarat minnu kkagunati lil proprjeta` tas-socjeta` attrici fuq

cables tat-telefon fi Triq George Borg Olivier, San Giljan u dan matul ix-xahar ta` Marzu, tas-sena elfejn u tlieta (2003) u dan skond fattura lilu mibghuta li ggib in-numru tlettax-il elf mija, tnejn u sebghin (13172) kopja hawn annessa mmarkata Dok ‘A’;

Il-konvenut interpellat biex ihallas baqa` inadempjenti;

Talbu lil konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

(1) Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kkagonati.

(2) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` seba` t`elef, sebgha mija u tmintax-il lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm 7718.79).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, li min issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

1. Preliminarjament in-nullita` tac-citazzjoni stante illi m`hemm ebda indikazzjoni fic-citazzjoni promotrici tal-Qorti illi quddiemha iet ipprezentata l-istess citazzjoni promotrici u cioe` jekk hux fil-Prim`Awla tal-Qorti Civili jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri.

2. Preliminarjament ukoll, il-lista tax-xhieda annessa mac-citazzjoni promotrici ma tissodisfax il-vot tal-ligi ghaliex ix-xhieda mhumiex indikati b`isimhom u b`mod car u m`hemm l-ebda riferenza ghall-iskop li ghalihom is-socjeta` attrici trid tharrikom sabiex jiddeponu, u ghalhekk dawn ix-xhieda f`kull kaz mhumiex ammissibbli.

3. In linea preliminari wkoll, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi s-socjeta` attrici ma indikatx id-data illi fiha allegatament sofriet id-danni li qed jigu minnha reklamati.

4. In linea preliminari wkoll, l-ewwel talba attrici hija monka ghaliex m`hemm ebda riferenza cara ghal liema 'danni kagjonati' din l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba illi tiddikjara lill-eccipjent responsabbli, u kwindi ghandha tigi respinta, u bl-istess mod ghandha tigi respinta t-tieni talba attrici illi hija konsegwenzjali ghall-ewwel talba attrici.

5. Fil-mertu l-eccipjenti mhuwiex responsabbli ghall-ebda danni allegatament sofferti mis-socjeta` attrici u ghaldaqstant it-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront tal-eccipjent ghandhom jigu respinti.

6. L-eccipjent kien qieghed jezegwixxi xogholijiet fuq inkarigu tal-Korporazzjoni Enemalta illi ghalhekk hija responsabbli ghal kwalsijasi danni allegatament sofferti mis-socjeta` attrici u ghaldaqstant ghandha tigi kjamata fil-kawza.

7. F`kull kaz, u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, id-danni reklamati mis-socjeta` attrici huma eccessivi u ezagerati u certament mhux in linea mal-principju illi l-parti leza ghandha l-obbligu illi timminimizza d-danni.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentali tal-partijiet;

Rat l-affidavits imressqa bhala prova;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li l-konvenut huwa kuntrattur tal-bini u f`Marzu tal-2003 ghamel xoghol ta` thaffir fi Triq Borg Olivier, San Giljan. Waqt li kien qed ihaffer fit-triq, huwa laqghat u ghamel hsara fil-cables tas-socjeta` attrici. Meta s-

socjeta` attrici indunat bil-hsara (li effettwat il-linji tat-telephones ta` diversi residenti fl-inhawi), ghamlet rapport fl-Ghassa tal-Pulizija ta` San Giljan li investigat l-incident. Il-konvenut gie investigat, u ammetta li hu kien qed jaghmel xoghol ta` thaffir fit-triq in kwistjoni. Id-difiza tieghu hi li hu kien qed iwettaq xoghol fuq ordni tal-Korporazzjoni Enemalta u fuq istruzzjoni taghha, u kwindi mhux responsabbli ghad-danni allegati.

Jirrizulta, bhala fatt, li l-konvenut wettaq xoghol ta` thaffir fit-triq in kwistjoni u fil-11 ta` Marzu, 2003, waqt li hu jew impjegati tieghu kienu qed juzaw il-jack hammer, giet ikkawzata hsara lill-cables tas-socjeta` attrici. Jirrizulta li dawn il-cables kienu impoggija go katusa mirduma taht l-art; il-konvenut, faqa` l-katusa u ghamel hsara lill-cables. Is-socjeta` attrici ma kienitx giet mitluba taghti l-permess taghha sabiex dan ix-xoghol ikun jista` jsir, u lanqas ma kienet intalbet sabiex tassisti billi timmarka l-post fejn kienu jinstabu l-cables.

Hu fatt li l-konvenut kien inghata kuntratt mill-Korporazzjoni Enemalta sabiex ihaffer toqob fit-triq sabiex il-Korporazzjoni tpoggi arbli ghall-provista ta` l-elettriku fl-inhawi. Pero` l-kuntrattur li jinghata x-xoghol ghandu d-dover li japplika huwa personalment ghal-licenzja mehtiega, u jassigura li fejn ikun se jaghmel ix-xoghol ma jkunx hemm cables jew katusi ta` servizzi pubblici. Dan jirrizulta mix-xhieda tal-ufficcjal tekniku tal-Korporazzjoni Enemalta u mill-kopja esebita tat-*terms and conditions* abbinati ma` l-ghoti tal-kuntratt. Fil-fatt, fost il-kondizzjonijiet generali ghal ghoti tal-kuntratt hemm klawsola 11 li hi fis-sens li:

*“The contractor shall take all responsibility for accident or damage to the work, from whatever cause arising, and shall be responsible for the sufficiency of all means used by them for the fulfillment of the contract, and shall not be relieved from such responsibility if not by any approval given by the Chairman”*.

F`kaz ta` ghoti ta` kuntratt ta` thaffir ta` toqob ghall-uzu ta` arbli, hemm ukoll kondizzjonijiet specifici, u klawsola 2 ta` dawn it-termini tipprovdi hekk:

*"NOTICES PRIOR TO COMMENCEMENT OF WORKS:*

*a) Before commencing excavation works the contractor shall, seek the permission of the Director General Works Dept, the Commissioner of Police and other interested authority as required by the Code of Police Laws and other laws and regulations as may exist from time to time and to the satisfaction of the Engineer or his representative.*

*b) The contractor shall ensure that he has all the necessary information regarding any services, which might be located in/near, the area to be excavated. It will be assumed that no excavation can be done before the exact location of services pertaining to Government, Parastatal or private entities is carried out. For such reasons contactors shall be equipped with cable and pipe detectors".*

Jirrizulta li dawn il-kondizzjonijiet kienu jiffurmaw parti mill-kuntratt moghti lill-konvenut, u f`dan il-kaz, il-konvenut bhala l-kuntrattur responsabbli mix-xogholijiet, la ottjena l-permessi mehtiega u lanqas ma talab informazzjoni dwar is-servizzi li jghaddu taht l-art.

Barra minn dan, skond klawsola 3(2) tar-Regolamenti ta` l-2002 dwar Licenzji mill-Kunsilli Lokali ghall-Ftuh ta` Wicc ta` Triq (Avviz Legali 313/2002), *"hadd ma jista` ghal ebda raguni jkisser jew jiftah il-bankina jew il-wicc ta` triq minghajr il-permessi mehtiega jew xort`ohra milli jkun hemm imnizzel f`xi permess bhal dak"*. Il-konvenut, f`dan il-kaz, ha l-kuntratt minghand il-Korporazzjoni Enemalta, u minghajr ma talab il-permess tal-Kunsill Lokali u tal-awtoritajiet l-ohra kompetenti, qabad u haffer bl-ghama fit-triq indikata lilu.

Il-Qorti tosserva li kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza <u>"Mallia noe vs Camilleri"</u>, deciza fis-16

ta' Gunju, 1969, *"min jiftah triq dan jaghmlu dejjem a riskju tieghu"*. Dan jinghad b'aktar qawwa f'dan il-kaz fejn, kif jirrizulta, l-konvenut minghajr l-ebda permess preventiv qabad u ghamel thaffir mhux awtorizzat. Kif gie spjegat min din il-Qorti fil-kawza "Ventura noe vs Vassallo noe", deciza fis-27 ta' Gunju, 2003, hadd ma jista' jaghmel thaffir fit-triq jew f'boghod ta' hmistax-il metru minn triq, minghajr avviz lill-Awtorita' ta' Trasport ta' Malta (artikolu 27 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija), qabel l-Att XXIII tal-2000, lid-Direttur tax-Xogholijiet (ara dwar dan il-kawza "Ventura noe vs Galea", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-31 ta' Lulju, 1996). Kompla jinghad f'din il-kawza li jekk ma jinghatax avviz u ssir hsara, sid l-art u l-kuntrattur ikunu responsabbli solidalment. F'dik il-kawza, fil-fatt, il-kuntrattur instab responsabbli ghad-danni meta laqghat *high-tension cable* meta haffer u ma tax avviz (ara wkoll applikazzjoni ta' dan il-principju l-kawza "Maltacom vs Carmel Vella Ltd", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Mejju, 2004).

Fid-dawl ta' dawn il-principji, l-Qorti tqies li l-konvenut, bhala kuntrattur inkarigat mix-xogholijiet, ghandu jinstab responsabbli ghal akkadut peress li ta' ordnijiet li jsir thaffir fit-triq minghajr ma qabel ottjena l-permessi relattivi, u anke ghalhiex ma segwiex bid-debita diligenza x-xoghol li kien qed isir biex jassigura ruhu li ma ssir ebda hsara lill-proprjeta' pubblika. Dak li gara sehh minhabba l-inkompetenza tal-konvenut u/jew tal-haddiema li biex ihaffru toqba ghall-arblu tal-elettriku, harbtu u kissru sistema ezistenti tal-*cable*. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Naudi noe vs Schembri et noe", deciza fit-13 ta' Mejju, 1991, il-kuntrattur ghandu jinzamm responsabbli ghall-hsara li ssehh b'konsegwenza tal-inkompetenza ta' impjegat tieghu. Fl-istess sens hija l-kawza "Grech vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-1 ta' Marzu, 1988, u l-kawza "Spiteri Sacco noe vs Pace et", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Jannar, 1990.

Dwar l-ammont ta' danni, gie konfermat li l-ispiza relattiva kienet ta' Lm7718.79, inkluz materjal u *labour* . Il-perit

tekniku mahtur mill-Qorti, pero`, irrelata li l-kont hu ftit eccessiv peress li parti mill-cable sostitwit ghadu utilizzabbli. Din il-Qorti taqbel mar-rapport tekniku pprezentat, inkluz fejn il-perit tekniku irrelata li, fic-cirkostanzi, meta giet interrotta l-linja tat-telefon ta` aktar minn elf abbonat, in-numru tan-nies mqabbda u l-hin li gew mitluba biex jattendu fuq is-sit, kien ragjonevoli u mehtieg biex l-inkonvenjent lil dawn l-abbonati jitnehha kemm jista` jkun malajr. Il-Qorti sejra, ghalhekk, tadotta l-ammont minnu ndikat ta` Lm6,487.37c bhala rapprezentanti d-danni li hi intitolata tirkupra s-socjeta` attrici.

Dwar l-ewwel erba` eccezzjonijiet tal-konvenut, fil-waqt li hu veru li s-socjeta` attrici, fuq ic-citazzjoni, ma ndikatx l-Qorti li quddiema giet ippresentata l-kawza, fil-fatt, il-kawza giet korrettament imressqa quddiem din il-Qorti, u l-konvenut debitament ipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu quddiem din l-istess Qorti; in-nuqqas tas-socjeta` attrici kien, allura, zball tekniku li ma wassal ghal ebda allokazzjoni hazina tal-kawza u ghal ebda pregudizzju ghall-konvenut.

Dwar il-fatt li l-lista tax-xhieda ma tindikax b`mod car l-iskop taghhom, il-ligi stess tipprovdi li dan in-nuqqas ma jwassalx ghan-nullita` tal-att, izda l-Qorti, bis-sahha tal-artikolu 156(8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tista` tordna lill-attur sabiex jindika b`mod sewwa xi prova bi hsiebu jgib permezz ta` kull xhud. Dak hu li ghamlet il-Qorti bid-digriet taghha ta` l-21 ta` Marzu, 2005, u li fuqu s-socjeta` attrici pprovdiet b`nota tal-15 ta` April, 2005.

In-nuqqas tas-socjeta` attrici li tindika, fl-att tac-citazzjoni, id-data ezatta illi fiha sehhet il-hsara, u n-natura tad-‘danni kagjonati’, ma jwassalx ghal konsegwenza li t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti, aktar u aktar meta dawn id-dettalji jkunu jirrizultaw mill-provi prodotti tul is-smiegh tal-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u wara li tilqa’ t-talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici, *in linea* ta’ danni, s-somma ta’

€15,111.51 (hmistax il-elf, mija u hdax il-Euro u wiehed u hamsin Euro centezmi), bl-imghax legali mill-14 ta' Ottubru, 2004, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut, hlief dawk relatati mad-dritt tal-perit tekniku, li ghandhom jithallsu kwantu ghal terz (1/3) mis-socjeta` attrici, u zewg terzi (2/3) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------